MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Numru. 1074/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**STRAHINJA RAJKOVIC**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Strahinja Rajkovic** ta 36 sena, bin Mijodrag u Vera xebba Rajkovic, mwieled Muzinac Sakobanja gewwa Serbia nhar it-18 Marzu 1876, residenti: flat 4 San Antonio Flats,

Triq in-Nutar Manuel Debono, Naxxar, detentur tal-karta tal- identita nru: **283984M** gie akkuzat talli nhar it-23 ta' Mejju 2012 f'xi hin filghodu, gewwa l-Gzira;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Joseph Mario Roger Bartolo f'periklu car, volontarjament ikkagunajt hsara f' wiccu hekk kif iccertifika Dr. Dr. Stefan Camilleri MD reg. 1771 u Dr. Mario Scerri MD. u dan bi ksur ta Art 216 tal-Kap 9;

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament hebbejt ghal Joseph Mario Roger Bartolo u kkagunajtu feriti ta Natura hafifa skond certifikat min Dr. Maureen Bezzina MD. Reg: 5271;

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament hebbejt ghal Alan Bartolo u kkagunajtlu feriti ta natura hafifa skond certifikat min Dr. Dr. Stefan Camilleri MD reg. 1771 u Dr. Mario Scerri MD;

4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament hebbejt ghal Stephenie Bartolo u kkagunajtilha feriti ta natura hafifa skond certifikat min Dr. Dr. Stefan Camilleri MD reg. 1771;

5. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament hebbejt ghal Lilian Bartolo u kkagunajtilha feriti ta natura hafifa skond certifikat min Dr. Dr. Stefan Camilleri MD reg. 1771;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat bir-reqqa l-verbal tas-seduta ta` llum stess 15 ta` April 2014 fejn, *inter alia*, jirrizulta irrevokabbilment (1) li Joseph Mario Roger Bartolo, Alan Bartolo, Stephanie Bartolo u Liliana Bartolo, l-allegati vittmi, volontarjament irrinunzjaw ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli f'dan il-kaz, u ghazlu li ma jixhdux f'dan il-kaz biex ma jinkriminawx ruhhom, u (3) li l-ufficjal prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat dan kollu u ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi** billi (a) tiddikjara t-tieni, t-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet bhala rinunzjabbli, u peress illi dawn l-istess imputazzjonijiet gew rinunzjati mill-parte civile, qed tiddikjara l-procediment bhala wiehed ezawrit ghal dak li jirrigwarda tali imputazzjonijiet; u (b) peress li ma gietx sufficjentement ippruvata, issib lill-imputat mhux hati ta` l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------